Adorazzjoni tal-Ewwel Sibt tax-Xahar - Parroċċa Għasri
Novembru 2024



# Mixja mal-Bibbja – il-Ktieb tal-Ġenesi

**Introduzzjoni qasira għall-Ktieb tal-Bibbja:**

- Il-Bibbja hija ġabra ta’ 73 kiteb li nkitbu fuq medda ta’ madwar 1000 sena. Qabel inkitbet il-Bibbja kollha kienet mgħallma u għaddiet minn ġenerazzjoni għall-oħra f’forma ta’ tagħlim bil-fomm.
- Il-Bibbja fiha żewġ taqsimiet: it-Testment il-qadim, jew kotba li nkitbu qabel Kristu li huma 46 wieħed, u t-Testment il-ġdid jew kotba li nkitbu wara Kristu li huma 27.

- Kull ktieb tal-Bibbja jinqasam f'kapitli u kull kapitlu jinqasam f'versi: dan biex jagħmilha faċli li wieħed jirreferi għal parti partikulari u jikkwotaha.
- Il-Bibbja għandha żewġ awturi: wieħed prinċipali li huwa Alla u l-ieħor sekondarju li huwa l-bniedem li kiteb ispirat minn Alla. Il-biċċa l-kbira tal-awturi umani ma nafux min huma.
- L-awtur uman huwa verament awtur ukoll għaliex għad li Alla nebbħu x'jikteb huwa uża l-fakultajiet u l-kapaċitajiet tiegħu biex għamel dan. Alla ma ddettalux kelma b'kelma.
- Il-biċċa l-kbira tal-kotba tat-Testment il-qadim inkitbu bil-Lhudi jew Ebrajk, filwaqt li tat-Testment il-Ġdid inkitbu bil-Grieg.
- Dak li jgħaqqad il-kotba kollha flimkien huwa l-fatt li l-Bibbja tiġbor fiha l-istorja tas-Salvazzjoni. Hi l-ktieb tar-rivelazzjoni tal-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha: **"Alla s-salvatur tagħna li jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħrfu l-verità"** (1Tim 2,3)
- Il-Bibbja kollha kemm hi titkellem minn Ġesù, u Ġesù hu l-muftieħ li jiftħilna l-messaġġ li Alla jrid iwasslilna fil-Bibbja. Ġesu hu mħabbar fil-paġni tal-kotba tat-Testment il-Qadim u fihom u bihom hu mwiegħed lill-poplu tiegħu. Ġesù, mela, hu dak li jgħaqqad flimkien il-Kotba Mqaddsa taż-żewġ Testmenti u jagħmilhom ktieb wieħed.
- Santu Wistin : "Il-Ġdid hu moħbi fil-Qadim, u l-Qadim jingħaraf mill-Ġdid".

## It-Taqsimiet tal-Bibbja.

### A) It-Testment il-Qadim

1. **Il-Pentatewku** fih 5 kotba: It-tnissil tal-bniedem u tal-poplu t'Alla. Il-liġijiet li jsawwru l-poplu u t-tradizzjonijiet tiegħu: Ġenesi, Eżodu, Levitiku, Numri u Dewteronomju
2. Il-**Kotba Storiċi** huma 16: Alla jintervjeni fl-istorja ta' poplu biex iħejjih għall-miġja ta' Ibnu: Ġożwè, l-Imħallfin, Rut, 1 & 2 Samwel, 1 & 2 Slaten, 1 & 2 Kronaki, Esdra, Neħemija, Tobit, Ġuditta, Ester u 1 & 2 Makkabin.
3. Il-**kotba tal-Għerf** huma 7: Alla jkellemna permezz tal-għorrief ta' Iżrael: Ġob, Salmi, Proverbji, Koħelet, Għanja tal-Għanjiet, Ktieb tal-Għerf u Bin Sirak.
4. Il-**kotba tal-Profeti** huma 18: Alla jkellemna permezz tal-għalliema ta' Iżrael. Dawn ġieli jinqasmu wkoll fil-Profeti l-Kbar għax il-kotba tagħhom huma twal, u ż-żgħar għax il-kotba huma qosra: Iżaija, Ġeremija...

### B) It-Testment il-Ġdid

1. L-**Evanġelji**: Mattew, Mark, Luqa u Ġwanni.
2. L-**Atti tal-Appostli**: kif xterdet il-Knisja tal-bidu, l-aktar bil-predikazzjoni ta' Pietru u Pawlu.
3. L-**Ittri ta' San Pawl u l-Ittra lil-Lhud**: 14-il ittra.
4. L-**Ittri Kattoliċi**: Ġakbu, 1 & 2 Pietru, 1, 2 & 3 Ġwanni u Ġuda.
5. L-**Apokalissi**: il-ħajja li għad trid tiġi.

**Introduzzjoni għall-Ktieb tal-Ġenesi**:
Ġenesi tfisser il-'Bidu' għax dan il-ktieb jirrakkonta l-bidu tal-Ħolqien, tal-Umanità u tal-Poplu t'Alla.
Kapitli 1 – 11: insejħulhom **preistorja** għaliex ma nafux safejn twassal l-istoriċità tagħhom. Għad li x'aktarx hemm xi partijiet li ġraw tassew iżda fil-biċċa l-kbira tagħha din il-parti tal-Ġenesi hija x'aktarx parabbola li l-kittieb inqeda biha biex iwassal l-messaġġ ta' Alla: infatti huwa ħa tradizzjonijiet u rakkonti anke minn fost popli oħra tal-viċin. Għalina ftit jinteressana sa fejn il-grajjiet seħħew kif inhuma miktuba jew le (dan huwa tagħrif li trid tagħtihulna x-xjenza u mhux il-Bibbja), li jinteressana huwa l-messaġġ li Alla jrid iwasslilna.
Kapitli 11 sa 36 ikellmuna dwar il-patrijarki jew missirijiet tal-poplu t'Alla: dawn huma Abraham, Iżakk u Ġakobb.
Kapitli 37 sa 45: Ġużeppi u Ħutu
Kapitli 45 sa 50: Ulied Iżrael fl-Eġittu.

Il-Ġenesi fih **50 kapitlu,** għalhekk jekk mit-3 ta' Novembru taqraw bejn wieħed u ieħor 2 kapitli kuljum sas-Sibt 30 ta' Novembru, (l-aħħar Sibt tax-Xahar meta niltaqgħu għad-diskussjoni) suppost tkunu qrajtu l-ktieb kollu.

# Lectio Divina: Ġenesi Kapitli 1 - 3

**1:1 Fil-bidu Alla ħalaq**... tidher sentenża sempliċi iżda li tfisser ħafna; kollox huwa maħluq minn Alla, kollox ġej minnu u allura il-ħolqien u l-bniedem ma jistgħux jiftehmu mingħajr referiment għall-Ħallieq tagħhom.
Alla ħalaq f'sitt ti jiem? Il-Bibbja ma hijiex ktieb tax-xjenza u mhux l-iskop tagħha li tgħidilna kif żviluppa l-ħolqien. Il-

messaġġ importanti huwa li Alla ħalaq, u allura kollox ġej minnu: anke l-evoluzzjoni din seħħet għax rieda Alla u taħt it-tmexxija tiegħu.

**1:12** Fi tmiem it-tielet jum insibu **"... u ra Alla li kien tajjeb"**. din l-espressjoni tibqa' tirrepeti ruħha fit-tmiem ta' kull jum sakemm fil-tmiem is-sitt jum insibu **"U ħares Alla lejn kull ma kien għamel, u ara, kollox kien tajjeb ħafna"**. Alla ħalaq kollox tajjeb u dak kollu li huwa tajjeb ġej minn Alla. Allura minn fejn ġej il-ħażen li hawn fid-dinja?

**1:26 U qal Alla: "Ħa nagħmlu l-bniedem fuq is-sura u x-xbieha tagħna, ..."**. Fil-ħolqien Alla jagħti l-aktar post speċjali lill-bniedem u jagħmlu xbieha tiegħu. Il-bniedem għad li kreatura maħluqa minn Alla, u allura fih hemm parti li tixbaħ lill-bqija tal-ħolqien, iżda fil-bniedem hemm ukoll ir-ruħ li tixbaħ lil Alla, hija spirtu li ma jmut qatt.

**1:27 U Alla ħalaq il-bniedem fuq xbihietu fuq xbihat Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom.** Hawn verament tidher l-id ta' Alla fil-Bibbja: kif setgħa l-kittieb jgħid dawn il-kelmiet meta fid-dinja kollha ta' żmienu ma kienet teżisti mkien l-ugwaljanza bejn ir-raġel u l-mara? Alla jaħlaq ir-raġel u l-mara tal-istess dinjità, u t-tnejn li huma huma xbieha tiegħu: hija l-imħabba li tgħaqqad ir-raġel u l-mara, u din hija l-ħjiel ta' dik l-imħabba perfetta li hija f'Alla nnifsu.
Lil dak kollu li hu ħaj Alla jagħtih is-setgħa li jnissel u joktor: hekk il-qawwa kreattiva tiegħu tidher ukoll fil-ħolqien maħluq minnu.

**1:29 U qal Alla: "Araw, jien tajtkom il-ħaxix kollu, li jagħmel iż-żerriegħa fuq wiċċ l-art, u s-siġar kollha li jagħmlu l-frott biż-żerriegħa: dawn kollha jkunu għall-għajxien tagħkom...**
Skont il-pjan ta' Alla ma kellux ikun hemm tixrid ta' demm/ tbatija fil-ħolqien.

**2:2 U fis-seba' jum Alla temm ix-xogħol tiegħu kollu li kien għamel, u waqaf fis-seba' jum mix-xogħol tiegħu li kien għamel. 2:3 U bierek Alla s-seba' jum u qaddsu, għax fih waqaf mix-xogħol kollu tiegħu li kien għamel fil-ħolqien.**
Li l-bniedem ikollu jum li fih jieqaf mix-xogħol u jiddedikah għall-mistrieħ, għat-talb u għall-familja hija ta' dinjità u mhux biex jagħmel xi pjaċir lil Alla.

Mill-Kapitlu 2 vers 4 jibda rakkont ieħor tal-ħolqien tal-bniedem: dan ir-rakkont fih tagħlim ieħor li **jikkumplimenta** dak li nsibu fl-ewwel rakkont.

**2:7 ...il-Mulej Alla sawwar il-bniedem mit-trab ta' l-art u nefaħlu fi mnifsejh nifs il-ħajja, u l-bniedem sar ħlejqa ħajja.**
Dawn il-versi ikomplu jispjegaw xi jfisser Alla ħalaq il-bniedem fuq xbieha tiegħu: it-trab tal-art jirrappreżenta l-parti materjali tal-bniedem u allura l-ġisem, u n-nifs ta' Alla jirrappreżenta r-ruħ spiritwali li tixbaħ lil Alla. Mela l-bniedem bħala kreatura materjali kienet xi ħaġa normali għalih li ma jibqax għal dejjem u li xi darba jrid imut; huwa sens komun li l-ebda ħaġa materjali ma tibqa għal dejjem, ebda magna ma tibqa taħdem għal dejjem.

**2:8 U l-Mulej Alla ħawwel ġnien fl-Għeden, in-naħa tal-lvant, u qiegħed hemm il-bniedem li kien sawwar.** Dan huwa vers importanti ħafna: il-ġnien tal-Għeden jirrappreżenta l-istat privileġġjat li fih Alla jpoġġi lill-bniedem ħlejqa tiegħu minħabba li Huwa ried li jkollu relazzjoni speċjali mal-bniedem li huwa ħalaq; il-bniedem, f'dan l-istat, ikun meħlus mid-dgħufija tiegħu ta' kreatura u allura meħlus minn kull forma ta' tbatija u mewt. Biex nifhmu dan speċi ta' Alla joħloq il-bniedem biex jgħix fid-dawl tiegħu, u sakemm idum f'dan id-dawl, l-ebda ombra ta' dlam ma tista' tersaq lejh.

2:9 **U l-Mulej Alla nibbet mill-art is-siġar kollha li jpaxxu l-għajn u bnina għall-ikel; u s-siġra tal-ħajja f'nofs il-ġnien u s-siġra ta' tagħrif it-tajjeb u l-ħażin.**
F'nofs il-ġnien: dan ifakkarna fil-fulkru ta' rota ta' karettun: jekk tneħħi l-fulkru jiżżarma kollox; mela dawn iż-żewġ sigriet jew dak li jfissru huwa l-fulkru li fuqu tibbaża ruħha r-relazzjoni speċjali li l-bniedem għandu ma' Alla. Is-**Sigra tal-Ħajja** tfisser li l-ħajja hija don/rigal ta' Alla u l-bniedem qatt ma għandu jagħmel lilu nnifsu sid tal-ħajja, iżda jirrispettaha u jħarisha mit-tnissil sat-temma naturali tagħha. U **s-sigra ta' tagħrif it-tajjeb u l-ħażin** tfisser li l-bniedem jagħraf dak li huwa verament tajjeb u ħażin għalih mhux minn jeddu iżda bħala riżultat tar-relazzjoni tiegħu ma' Alla.

**2:15 U l-Mulej Alla ħa lill-bniedem u qiegħdu fil-ġnien ta' l-Għeden biex jaħdmu u jħarsu.**

Ix-xogħol ħalqu Alla u jagħtih lill-bniedem mhux biss biex jaqla l-flus iżda biex jieħu ħsieb il-ħolqien li hu afdalu f'idejh: ix-xogħol jagħti dinjità lill-bniedem.

**2:17 imma mis-siġra ta' tagħrif it-tajjeb u l-ħażin, la tikolx minnha, għax dak in-nhar li tiekol minnha żgur li tmut."** Alla jagħti lil bniedem l-ġid kollu tal-art, iżda jitlob minnu li jirrispetta r-relazzjoni li għandu miegħu billi jkun ubbidjenti għar-rieda tiegħu.

**2:18 U l-Mulej Alla qal: "M'hux sewwa li l-bniedem jibqa' waħdu. Ħa nagħmillu għajnuna tgħodd għalih."** Alla tant iħobbu lil bniedem li jieħu ħsieb mhux biss l-ħtiġijiet materjali tiegħu, iżda wkoll dawk emottivi.

**2:19 ...skond ma jkun il-bniedem semma lil kull ħliqa ħajja, dak ikun isimha.** F'dan il-kuntest bibbliku, li ssemmi jfisser li inti qiegħed il fuq mill-annimali, il-bniedem ma humiex tal-istess livell tagħhom, infattu huwa s-sid tagħhom. Għalhekk l-ebda wieħed mill-annimali ma kien jissodisfa l-bżonn relazzjonali tal-bniedem.

**2:21 U l-Mulej Alla tefa' nagħsa tqila fuq il-bniedem; u dan raqad. U ħadlu waħda minn kustiljih u flokha mlieh bil-laħam. 2:22 U l-Mulej Alla sawwar il-kustilja, li kien ħa mill-bniedem, f'mara u ġiebha lill-bniedem.** Jekk ikollok biċċa deheb u tieħu biċċa minnha, fiha nnifisha l-biċċa li ħadt hija tal-istess valur tal-biċċa oriġinali: dan huwa l-mod kif il-ktieb tal-Ġenesi mill-ġdid jerġa jgħidilna li Alla ħalaq ir-raġel u l-mara tal-istess dinjità, infatti Adam lill-mara ma jsemmihiex, iżda jgħid **"Din id-darba din hi**

**għadma minn għadmi, u laħam minn laħmi, għalhekk tissejjaħ mara, għax mir-raġel ittieħdet hi.”**

**2:24 Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed.**
Iż-żwieġ huwa rabta bejn raġel wieħed u mara waħda, rabta li tibqa’ sal-mewt, u dan ma jgħoddx biss għal min hu nisrani iżda għall-bnedmin kollha: dan huwa ta’ ġid għall-bniedem u mhux xi kapriċċ ta’ Alla.

**2:25 U t-tnejn kienu għerja, ir-raġel u martu, u ma kinux jistħu minn xulxin.**
Din is-sentenza tindika xi ħaġa importanti ħafna: fl-istat oriġinali tiegħu, fil-bniedem kien hemm bilanċ perfett bejn ir-raġuni u l-emożżjonijiet, bejn il-moħħ u l-qalb: mela dak li l-bniedem kien jagħraf b’moħħu li hu tajjeb u ġust kien iħossu miġbud li jagħmlu, u dak li kien jagħraf li huwa ħażin u nġust ma kienx iħoss ġibda li jagħmlu. Dan il-bilaċ jitkisser bid-dnub.

**3:1 U s-serp kien l-aktar wieħed li jilħaqlu fost l-annimali selvaġġi kollha, li kien għamel il-Mulej Alla. U qal lill-mara: “Tassew li Alla qalilkom: 'La tiklux mis-siġar kollha tal-ġnien'?”**
Is-serp huwa l-aktar kreatura perikoluża li miegħu jħabbat wiċċu l-bniedem tal-Lvant Nofsani u allura bir-raġun li l-kittieb sagru jqabbel lill-ispirtu tad-dlamijiet miegħu. Ninnutaw li bi kliemu qiegħed jgħid jipprova jdaħħal id-dubju dwar Alla u l-imħabba tiegħu, qiegħed jipprova jgħidlu ‘tieħdux *forgranted* l-imħabba t’Alla’. Din hija t-tentazzjoni l-kbira, u li biha dejjem jittentana x-xitan.

**3:2 U l-mara wieġbet lis-serp: "Mill-frott tas-siġar fil-ġnien nistgħu nieklu. Imma mill-frott li hemm f'nofs il-ġnien, 3:3 Alla qalilna: 'La tiklux minnu, u lanqas ma għandkom tmissuh, inkella tmutu.' "**

L-ewwel żball kbir ta' Eva kien li rraġunat max-xitan, mat-tentazzjoni: hija tkellmet ma dak li minnu xejn ma jista' joħroġ tajjeb, ma dak li l-għejra tiegħu għall-bniedem hija bla limitu għaliex huwa jaf x'tilef b'tort tiegħu biss. Quddiem it-tentazzjoni kellhom raġun il-qaddisin jgħidulna, 'aħrab fis, aħrab malajr, u aħrab il-bogħol'.

**3:4 U s-serp qal lill-mara: "Le, żgur ma tmutux...**

Il-giddieb u missier il-gidba, dak li qiegħed iwiegħed li ssiru bħal allat ma hijiex ħlief l-esperjenza tad-dnub, u nfatti bħala riżultat tad-dnub tidħol il-mewt fid-dinja kif kien qal Alla.

3:6 **U l-mara rat li s-siġra kienet tajba għall-ikel u tiġbdek fil-għajn, u s-siġra tħajjrek biex tikseb id-dehen; u ħadet mill-frott u kielet. Mbagħad tat ukoll lil żewġha, li kien magħha, u kiel.**

Żball ieħor li għamlu Adam u Eva kien li ma ħasbux fil-konsegwenzi ta' għemilhom, ħasbu biss fis-sodisfazzjon ta' issa. Żball kbir li sikwit nagħmlu aħna l-bnedmin.

**3:7 U nfetħu għajnejhom it-tnejn u ntebħu li kienu għerja, u ħietu weraq tat-tin, u għamlu iħżma.**

Wara d-dnub tal-bniedem, l-għera tinbidel u minn bilanċ perfett bejn ir-raġuni u l-emozzjonijiet tibda tfisser dgħufija. Infatti jippruvaw jgħattu l-għera bil-weraq tat-tin.

**3:8 U semgħu ħoss il-Mulej Alla jitlajja fil-ġnien għaż-żiffa tal-jum, u nħbew Adam u martu minn wiċċ il-Mulej Alla qalb is-siġar tal-ġnien.**
Hawn jidher kemm Alla kien qrib l-bniedem fl-istat oriġinali tiegħu, u li huwa l-bniedem li jitbiegħed minn Alla minħabba d-dnub.

**3:9 U l-Mulej Alla sejjaħ lil Adam u staqsieh: "Fejn int?"**
Din hija s-sejħa li Alla ma jegħda qatt jagħmel lill-bniedem, dan Alla li għamel tant mal-bniedem u l-bniedem kien tant ingrat, iżda Alla jibqa' jħobbu u jfittxu.

**3:12 U wieġeb Adam: "Il-mara li inti tajtni għal miegħi, hi tatni mis-siġra, u jiena kilt."**
Id-dnub, għax jifred il-bniedem minn Alla, joħloq firda kbira bejn il-bnedmin, firda fil-qalb tal-bniedem stess, u anke tkissir tal-bilanċ tant sabiħ li kien ħoloq Alla fil-ħolqien.

**3:15 U jien inqajjem mibegħda**
**bejnek u bejn il-mara,**
**bejn nislek u nisilha,**
**u hu jisħaqlek rasek**
**u int tisħaqlu għarqubu."**
Il-mibegħda bejn ix-xitan u l-mara fis-sens ta' distanza nfinita bejn ix-xitan u l-Madonna, qatt ma jkun hemm l-ebda kuntatt bejn ix-xitan u l-ħażen tiegħu u l-mara u binha Ġesù. Il-Wild tagħha jisħaq ras is-serp u allura dan ma jistax jagħmel ħsara iżjed, għad li l-frażi 'int tisħaqlu għarqubu' tindika li bit-tbatija iseħħ dan.

**Versi 16 sa 20**: mal-ewwel daqqa t'għajn jistgħu jidhru li Alla qiegħed jikkastiga lill-bniedem għad-dnub tiegħu, iżda dawn għandhom jiftehmu li Alla qiegħed jgħid lil Adam u Eva x'ser ikun l-effett tad-dnub tagħhom: it-tbatija u l-insodisfazzjon fix-xogħol marbuta mar-raġel, u t-tbatija marbuta mat-tqala u twelid għall-mara kif ukoll t-tkissir tal-ugwaljanza maħluqa minn Alla. Dan huwa espress fil-vers 20 **U Adam semma lil martu Eva għax hi kienet omm il-ħajjin kollha.** Fuq kollox issa l-mewt tagħmel parti mill-esperjenza umana.

**3:21 U l-Mulej Alla għamel lil Adam u 'l martu ħwejjeġ tal-ġild u libbishomlhom.**
Dan huwa vers mill-aktar sabiħ li juri t-tenerezza u l-ħniena t'Alla li għadu jħobb lil bniedem.

Versi 22 – 24 huma konklużjoni poetika għal dan ir-rakkont drammatiku tal-ħolqien u d-dnub tal-bniedem tal-bidu.

---

**Niltaqgħu għad-diskussjoni s-Sibt, 30 ta' Novembru fis-7 pm.**
**U għall-Adorazzjoni tal-Ewwel Sibt tax-Xahar, is-7 ta' Diċembru wara l-quddiesa ta' filgħaxija.**